MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 216/2008

## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE LL.D. LL.M (IMLI)

**Avviz Nru 216/2008 FDP**
**Fl-ismijiet:**

**Mary Ferriggi**
**(ID 457760M)**
**vs**
**Matthew Farrugia**
**(ID 116186M)**

**Il-Qorti**

Rat l-avviz promotur ipprezentat fis-26 ta' Mejju 2008 fejn ir-rikorrenti Mary Ferriggi talbet lill dina l-Qorti sabiex tiddikjara lill-intimat Matthew Farrugia mhux is-sid tal-vettura tal-marka Toyota Glanza bin-numru ta' registrazzjoni **ZAM-800** u ghalhekk tikkundannah jirrifondi s-somma ta' elf Euro (€1,000) li kienet thallset mir-rikorrent indebitament lill-intimat akkont tal-prezz ta' ghaxar t'elef Euro (€10,000) kif stabbilit fil-weghda ta' bejgh datat 17 ta' Frar 2008, liema bejgh ma setax isir peress illi t-trasferiment ma setax isehh.

Bl-ispejjez tar-rikors, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 14 ta' Marzu 2008, bl-imghaxijiet civili u bl-ingunzjoni ta' l-intimat in subizzjoni

Rat illi, permezz ta' risposta pprezentata fit-3 ta' Ottubru 2008, l-intimat laqa' ghat-talbiet maghmulha fil-konfront tieghu billi eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi, preliminarjament, l-intimat eccepixxa n-nuqqas ta' kompetenza ta' dina l-Qorti abbazi ta' ratione valoris u dan stante li din l-azzjoni kellha tkun intavolata quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba kif dedotta hija infondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta waqt il-kawza.

3. Illi l-ammont indikat fir-rikors mhux dovut

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti Mary Ferriggi kellha kull opportunita u zmien sabiex tipprova l-vettura ta' l-ghamla Toyota Glanza bin-numru ta' registrazzjoni **ZAM-800** u dan kif fil-fatt ghamel binha stess fil-presenza ta' l-esponenti ntimat fil-kawza.

5. Illi l-esponenti jirrileva illi l-vettura imsemmija damet diversi jiem fil-pussess tar-rikorrenti Ferriggi, qabel ma iddecidew li jirritornawha lura lejn l-esponent

Rat illi, permezz ta' sentenza preliminari moghtija minn dina l-Qorti, diversament ippresjeduta, fit-23 ta' Gunju 2009, l-ewwel eccezzjoni preliminari ta’ l-intimat giet michuda.

Rat l-affidavit ta' Mary Ferriggi ipprezentat fil-25 ta' Novembru 2008 (fol 10).

Rat l-affidavit ta' Ian Ferriggi ipprezentat fil-21 ta' Ottubru 2009 (fol 47).

Rat ix-xhieda ta' Stephen Cachia, bhala rapprezentant ta’ l-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta moghtija fl-24 ta' Novembru 2009 (fol 53).

Rat ix-xhieda u l-kontro ezami ta' Matthew Farrugia illi sar fit-2 ta' Marzu 2010 (fol 59).

Rat ix-xhieda u l-kontro ezami ta' Joanne Hili illi sar fit-2 ta' Marzu 2010 (fol 62).

Rat ix-xhieda ta' Ian Desira illi sar fit-2 ta' Novembru 2010 (fol 67).

Rat illi fl-20 ta' Gunju 2011 il-kawza giet differita ghas-sentenza bil-fakolta' tan-noti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti ipprezentata fl-20 ta' Lulju 2011 u dik ta’ l-intimat ipprezentata fl-24 ta' Awissu 2011.

**Fatti**

Jirrizulta mill-fatti pprezentati minn Mary Ferriggi illi ghal habta ta' nofs Frar 2008, Ian Ferriggi, it-tifel tar-rikorrenti Mary Ferrigi kien infurmaha illi huwa kien xtaqt jixtri karozza minghand Matthew Farrugia, liema karozza

kienet Toyota Glanza **ZAM-800**. Dina il-karozza kienet armata b'accessjorji aktar minn normal, peress illi Farrugia kien dilettant tat-tlielaq.

Mary Ferriggi, meta rat it-tifel taghha tant entuzjast biex jixtri l-vettura, ghalkemm kienet tiswa ghaxar t'elef Euro, (€10,000) urietu illi kienet interessata. Sussegwentement, it-tifel taghha, Ian Ferriggi, gab lil Matthew Farrugia u t-tfajla tieghu, Joanne Hili, flimkien ma habib komuni taghhom Ian Desira, id-dar flimkien mal-karozza, sabiex hija taraha u jiftiehmu.

Dakinhar kien is-17 ta' Frar 2008, u l-partijiet ftehmu fuq il-prezz u ghamlu karta fejn gie kkonfermat illi Matthew Farrugia  kien ircieva pagament ta' elf Euro (€1,000) bhala bilanc ta' prezz ta' ghaxar t'elef euro (€10,000) dovuti ghax-xiri tal-vettura Toyot Glanza **ZAM 800.**

Sussegwentement, wara li sar dan il-ftehim, Mary Ferriggi rat il-log book u indunat illi l-vettura ma kienetx irregistrata fuq isem Farrugia, izda kienet fuq isem certu Joseph Magro.  Meta rat hekk, l-ghada 18 ta' Frar 2008, kellmet lil Farrugia, izda dana qalilha li kollox kien sew u t-transfer seta jsir ghax ma kienx hemm inkwiet. Mary Ferriggi, izda, insistiet illi kellha tkellem lil Joseph Magro u Matthew Farrugia insista li ma kienx hemm il-bzonn ghax kollox kien kif suppost.

Fid-19 ta' Frar 2008, imbaghad, il-partijiet regghu iltaqghu u ma kienx hemm ftehim bejniethom dwar it-transfer kif kellu jsir. Farrugia beda jinsisti sabiex jiehu lura l-karozza, illi kienet fil-pussess ta' Ferriggi, u, wara ftit tal-hin, tatu lura c-cavetta tal-karozza u hallietu johrogha mill-garage fejn kienet u telaq biha. Hija baqghet tinsisti li tiehu lura d-deposit izda Farrugia qalilha illi ma kienx ser jaghtihulha lura peress illi tefa d-deposit fuq karozza ohra.

Dina l-verzjoni tal-fatti giet anke kkonfermata minn Ian Ferriggi, illi zied jghid li huwa kien interessat jixtri il-karozza peress illi l-habib komuni taghhom Ian Desira kien qallu li l-intimat kien ghadu kif xtara karozza xi gimghatejn qabel u kien interessat ibieghha.

Matthew Farrugia, minn naha tieghu, filwaqt li kkonferma il-parti kollha ta’ l-istorja sakemm gie iffirmat il-ftehim fis-17 ta' Frar 2008, naturalment ma jaqbilx mal-verzjoni moghtija minn Feriggi dwar kif sehhew il-fatti. Huwa stqarr illi dwar il-vettura, li kien ilu li xtraha xi hames t’ijiem qabel, huwa ma kellu ebda problema illi jdawwarha ghal fuqu qabel ma ddur ghal fuq Ferriggi, u dana peress illi Mary Ferriggi kienet qed tibza illi kien hemm xi djun fuqha. Huwa dan stqarru wkoll lill-Pulizija li kienu cemplulu, fuq rikjesta ta' Mary Ferriggi, li kienet marret ghandhom sabiex tivverifika dwar il-vettura u dwar ta' min kienet, u gie anke kkonfermat mill-Pulizija stess meta dawna kellmu lit-tifel tas-sid Magro, jigifieri Roderick Magro.

Mary Ferriggi, eventwalment, regghet cemplet lil Farrugia u talbitu sabiex jiltaqghu hdejn l-Andrew's Bar gewwa Birkirkara. Meta ltaqghu hemm, hi bdiet tibki u qaltlu illi kienet qed tibza dwar il-karozza peress illi kienet tigri hafna u kienet qed tibza li jigrilu xi haga lit-tifel, u ghalhekk hija riedet taghtih lura l-karozza kif kienet u kienet anke disposta li titlef id-depozit illi kienet ghamlet. Huwa thassarha u qalilha li ma kienx hemm problemi, u ghalhekk dak il-hin stess, marru il-garage fejn kienet il-karozza u hadha lura.

Jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' Stephen Cachia, rapprezentant ta’ l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, illi l-vettura Toyota Glanza **ZAM-800** kienet giet irregistrata f'isem Joseph Magro fis-6 ta' Lulju 2009 u trasferita ghal fuq Matthew Farrugia fit-13 ta' April 2008. Eventwalment giet trasferita ghal fuq Joseph Spiteri fis-16 ta' Settembru 2008.

**Konsiderazzjonijiet**.

Jirrizulta mill-provi prodotti li t-tifel tar-rikorrenti, Ian Ferriggi, kien interessat jixtri il-vettura li kellu fil-pussess tieghu Matthew Farrugia. Wara illi gab il-kunsens ta' ommu ghal tali xiri, huwa ghadda biex jiehu l-karozza

ghand zewg mechanics sabiex jiccekkjaha, u wara mar id-dar ghand ommu fejn il-partijiet iffirmaw il-ftehim ta' xiri. Tali ftehim, ghalkemm mhux skritt, jidher fil-kontenut tal-karta miktuba bejn il-partijiet, liema karta hija ricevuta tal-hlas ta' elf euro (€1,000) bhala bilanc tal-prezz tal-vettura.

Jirrizulta illi Mary Ferriggi kellha ripensament wara li inxtrat il-vettura. Tali ripensament seta kien dovut ghal fatt illi l-karozza ma kienetx irregistrata f'isem l-intimat, izda seta kien dovut ukoll ghal fatt illi hija kienet qed tibza li jigri xi haga lit-tifel taghha bil-karozza, peress illi kienet karozza illi timxi hafna, peress illi kienet armata b'hafna accessorji intizi sabiex jameljoraw il-performance tal-vettura.

Jirrizulta wkoll illi, mill-provi prodotti, il-vettura **ZAM-800**, ghalkemm fil-mument meta sar il-ftehim, ma kienetx registrata f'isem Matthew Farrugia, sussegwentement giet irregistrata f' ismu - turija tal-fatt illi kien minnu li Farrugia seta jitrasferixxi l-vettura fuq ismu,  kif huwa kien qieghed jishaq.

Tenut kont tal-fatti kif fuq esposti, il-Qorti hija aktar predisposta temmen il-verzjoni moghtija mill-intimat x'kienet ir-raguni ghaliex il-ftehim ma tkompliex, u dana fis-sens illi Mary Ferriggi, meta indunat x'tip ta' karozza kien ser jixtri it-tifel taghha, u meta indunat, wara li probabilment fethulha ghajnejha xi persuni ohra, ir-riskji li kien qed jesponi ruhu ghalih it-tifel meta jsuq tali vettura, ghazlet illi ma tkomplix bil-ftehim u kienet disposta illi taghti lura il-vettura u titlef id-depozitu illi hija kienet gia ghamlet.

L-argument illi hija ma ridetx tkompli bil-ftehim ghax il-karozza ma kienetx irregistrata f'isem l-intimat ma tantx huwa wiehed veritjer, peress illi, l-ewwel u qabel kollox, jirrizulta li attwalment, ftit wara, il-vettura kienet giet trasferita ghal fuqu, u allura certament ma kien hemm ebda raguni ghaliex dana ma setax isir qabel, kif stqarr l-istess Farrugia. Apparti minn hekk, huwa ben rinomat illi, ghalkemm il-Ligi timponi perjodu qasir biex jigi irregistrat it-trasferiment, dana, fil-prattika, ma jigix dejjem segwit.

Il-fatti, izda, li l-vettura ma kienetx irregistrata f'isem l-intimat ma kienetx raguni bizzejjed biex il-bejgh ma jigix finalizzat. Kieku r-rikorrenti ma kienetx f'pusizzjoni illi taghmel it-trasferiment peress illi l-persuna fuq min kienet registrata kien qieghed joggezzjona milli jaghmel hekk, allura l-Qorti setghet taghti piz ghal tali argument. Madanakollu, jidher illi anke il-Pulizija, li dahlu fil-kwistjoni mir-rikorrenti, ikkonfermaw illi kollox kien f'postu, u r-rikorrenti naqqset milli tressaq provi sabiex tikkonferma l-ezistenza ta' tali problema.

**Konkluzjoni**

**Il-Qorti**

Wara illi rat il-provi kollha prodotti

Tghadddi biex taqta' u tiddeciedi l-kaz billi

Tilqa’ t-tieni eccezzjoni u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri u

Tichad it-talba attrici

Kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez minnha inkorsi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------